MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 1219/2009

**Emanuel Farrugia**

**Vs**

**Farstone Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih l-attur talab:

Illi l-attur huwa impjegat, azzjonist u direttur tas-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma ta’ ghoxrin elf tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€20,828.74), dovuta minnha

lill-attur, rapprezentanti pagi mhux imhallsa lill-attur u rimbors ta’ hlasijiet li saru mill-attur ghal debiti dovuti mis-socjeta` konvenuta lil terzi, u dana skond ma jirrizulta mill-prospett, liema prospett gie imhejji mis-socjeta` konvenuta stess.

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas is-somma imsemmija izda baqghet inadempjenti.

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh u dana peress li d-dejn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur, is-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet validi fil-ligi x’taghti kontra t-talba tal-hlas tal-imsemmi ammont ;

Illi l-attur jaf b’dawn il-fatti personalment ;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja d-dispensa mis-smigh a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta :

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ ghoxrin elf tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€20,828.74) dovuta mis-socjeta` konvenuta lill-attur rappresentanti pagi mhux imhallsa lill-attur u rimbors ta’ hlasijiet li saru mill-attur ghal debiti dovuti mis-socjeta` konvenuta lil terzi kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1955/09 u bl-imghax legali skond il-ligi kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet it-talba kif maghmula fir-rikors mahluf;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba maghmula fir-rikors mahluf tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur kif maghmula fir-rikors, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------